# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 18 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 953/00**

**Numru 33**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Chalcedon Vella**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija u erbgha u hamsin liri Maltin u wiehed u sittin centezmi (Lm554.61) bilanc ta' somma akbar rappresentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lill-konvenut mis-socjeta' attrici ghall-perijodu mit-8 ta' Jannar 1999 sal-1 ta' Ottubru 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-5 ta' Gunju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm554.61,0 bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Lulju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja imsemmija fl-avviz.

J Borg
Dep.Reg